MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1570/2002

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Marco Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu il-Korporazzjoni talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u erbgha u erbghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm244.25), danni kkagunati f'arblu tad-dawl propjeta tal-Korporazzjoni liema danni gew ikkawzati nhar is-16 ta' Settembru 2000.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta l-hlas pretiz (fol. 6).

Ra li l-Korporazzjoni attrici naqset milli tidher ghas-seduti u tressaq provi.

Ra l-verbali tas-seduti tal-14 ta' Novembru 2002 u tal-lum.

Ghaldaqstant, peress illi l-Korporazzjoni attrici naqset milli tressaq provi sabiex tissostanzja l-pretenzjoni taghha, tichad it-talba bl-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] kontra taghha.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**